SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

28 ta' Frar 2013*

"Eżami mill-ġdid tas-sentenza T-234/11 P — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Terminu tar-rikors — Terminu mhux stabbilit permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Kunċett ta' 'terminu raġonevoli' — Interpretazzjoni — Obbligu tal-qorti tal-Unjoni li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża — Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Preġudizzju għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-334/12 RX-II,

li għandha bħala suġġett l-eżami mill-ġdid, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(2) TFUE, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Ġunju 2012, Arango Jaramillo *et* vs BEI (T-234/11 P), mogħtija fil-proċedura

**Oscar Orlando Arango Jaramillo**, residenti fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu),

**María Esther Badiola,** residenti fil-Lussemburgu,

**Marcella Bellucci,** residenti fil-Lussemburgu,

**Stefan Bidiuc,** residenti fi Grevenmacher (il-Lussemburgu),

**Raffaella Calvi,** residenti f'Schuttrange (il-Lussemburgu),

**Maria José Cerrato,** residenti fil-Lussemburgu,

**Sara Confortola,** residenti f'Verona (l-Italja),

**Carlos D'Anglade,** residenti fil-Lussemburgu,

**Nuno da Fonseca Pestana Ascenso Pires**, residenti fil-Lussemburgu,

**Andrew Davie,** residenti f'Medernach (il-Lussemburgu),

**Marta de Sousa e Costa Correia,** residenti f'Itzig (il-Lussemburgu),

**Nausica Di Rienzo,** residenti fil-Lussemburgu,

**José Manuel Fernandez Riveiro,** residenti f'Sandweiler (il-Lussemburgu),

**Éric Gällstad,** residenti f'Rameldange (il-Lussemburgu),

**Andres Gavira Etzel,** residenti fil-Lussemburgu,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

**Igor Greindl,** residenti f'Canach (il-Lussemburgu),

**José Doramas Jorge Calderón,** residenti fil-Lussemburgu,

**Monica Lledó Moreno,** residenti f'Sandweiler,

**Antonio Lorenzo Ucha,** residenti fil-Lussemburgu,

**Juan Antonio Magaña-Campos**, residenti fil-Lussemburgu,

**Petia Manolova,** residenti f'Bereldange (il-Lussemburgu),

**Ferran Minguella Minguella,** residenti f'Gonderange (il-Lussemburgu),

**Barbara Mulder-Bahovec,** residenti fil-Lussemburgu,

**István Papp,** residenti fil-Lussemburgu,

**Stephen Richards,** residenti f'Blaschette (il-Lussemburgu),

**Lourdes Rodriguez Castellanos**, residenti f'Sandweiler,

**Daniela Sacchi,** residenti f'Mondorf-les-Bains (il-Lussemburgu),

**Maria Teresa Sousa Coutinho da Silveira Ramos**, residenti f'Almargem do Bispo (il-Portugall),

**Isabelle Stoffel,** residenti f'Mondorf-les-Bains,

**Fernando Torija,** residenti fil-Lussemburgu,

**María del Pilar Vargas Casasola**, residenti fil-Lussemburgu,

**Carolina Vento Sánchez,** residenti fil-Lussemburgu,

**Pé Verhoeven,** residenti fi Brussell (il-Belġju),

**Sabina Zajc,** residenti f'Contern (il-Lussemburgu),

**Peter Zajc,** residenti f'Contern,

vs

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla għall-Eżami mill-Ġdid),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tal-Awla, J. Malenovský, U. Lõhmus, M. Safjan u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Arango Jaramillo u 34 membru ieħor tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), minn B. Cortese, avukat,

— għall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), minn C. Gómez de la Cruz u T. Gilliams, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Currall, H. Kraemer u D. Martin, bħala aġenti,

wara li rat l-Artikolu 62a u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Din il-proċedura għandha bħala suġġett l-eżami mill-ġdid tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Appelli) tad-19 ta' Ġunju 2012, Arango Jaramillo *et* vs BEI (T-234/11 P, iktar 'il quddiem, is-"sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012"), li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet l-appell ippreżentat minn O. O. Arango Jaramillo u 34 membru ieħor tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"membri tal-persunal ikkonċernati") mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tal-4 ta' Frar 2011, Arango Jaramillo *et* vs BEI (F-34/10, EU:F:2011:7, iktar 'il quddiem, id-"digriet tal-4 ta' Frar 2011"), li jiċħad bħala inammissibbli, minħabba tardività, ir-rikors tagħhom intiż, minn naħa, sabiex jiġu annullati r-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom għax-xahar ta' Frar 2010, inkwantu huma jiżvelaw id-deċiżjonijiet tal-BEI li jżid il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-iskema tal-pensjoni, kif ukoll, min-naħa l-oħra, sabiex dan tal-aħħar jiġi kkundannat iħallashom id-danni.

2 L-eżami mill-ġdid jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012 tippreġudikax l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni sa fejn, f'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, inkwantu qorti tal-appell, minn naħa, interpretat il-kunċett ta' "terminu raġonevoli", fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat minn membri tal-persunal tal-BEI kontra att maħruġ minn dan tal-aħħar li jippreġudikahom, bħala terminu li l-iskadenza tiegħu timplika n-natura tardiva tar-rikors u, għaldaqstant, l-inammissibiltà tiegħu, mingħajr ma l-qorti tal-Unjoni jkollha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ speċifiku, u, min-naħa l-oħra, jekk din l-interpretazzjoni tal-imsemmi kunċett hijiex tali li tippreġudika d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta").

### Il-kuntest ġuridiku

*Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea*

3 L-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, tad-29 ta' Frar 1968, li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll is-sistema applikabbli għall-membri tal-persunal l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli

għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, p. 1) hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004, tat-22 ta' Marzu 2004, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130, iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprovdi:

"1. Il-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni Ewropea] għandu jkollu ġurisdizzjoni f'kull tilwima bejn il-Komunitajiet u kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal dwar il-legalità ta' att li jaffettwa ħażin lit-tali persuna fis-sens ta' l-Artikolu 90(2). [...]

2. Rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni Ewropea] huwa ammissibbli biss:

— jekk qabel ikun tressaq ilment quddiem l-Awtorità tal-Ħatra skont l-Artikolu 90(2) u fit-terminu previst hemmhekk, u

— jekk dan l-ilment kien is-suġġett ta' deċiżjoni esplicita jew impliċita ta' ċaħda.

3. Ir-rikors imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet xhur. [...]"

4 Skont l-Artikolu 100(3) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, l-imsemmi terminu ta' proċedura ta' tliet xhur jiġi estiż darba minħabba distanza b'terminu ta' għaxart ijiem.

*Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-BEI*

5 Fl-20 ta' April 1960, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI adotta r-Regolamenti tal-Persunal ta' dan tal-aħħar, li ġew emendati diversi drabi sadattant. Dawn ir-regolamenti jipprovdu, fl-Artikolu 41 tagħhom rigward ir-rimedji, il-kompetenza tal-qrati tal-Unjoni sabiex jisimgħu rikorsi dwar it-tilwimiet bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu, mingħajr ma jispeċifikaw it-terminu li fih għandhom jiġu ppreżentati dawn ir-rikorsi.

**L-isfond tal-kawża suġġetta għal eżami mill-ġdid**

*Il-fatti li wasslu għall-kawża*

6 Il-membri tal-persunal ikkonċernati huma impjegati tal-BEI.

7 Mill-1 ta' Jannar 2007, ir-rendikonti tar-remunerazzjoni tal-membri tal-persunal tal-BEI huma redatti mhux fil-preżentazzjoni tradizzjonali tagħhom fuq il-karta, iżda b'mezz elettroniku. Fil-preżent huma jiddaħħlu kull xahar fis-sistema informatika "Peoplesoft" tal-BEI u b'hekk jistgħu jiġu kkonsultati minn kull membru tal-persunal mill-kompjuter tax-xogħol tiegħu.

8 Is-Sibt, 13 ta' Frar 2010, ir-rendikonti tar-remunerazzjoni għax-xahar ta' Frar 2010 ddaħħlu fis-sistema informatika "Peoplesoft". Dawn ir-rendikonti kienu juru, meta mqabbla mar-rendikonti għax-xahar ta' Jannar 2010, żieda fir-rata tal-kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni, żieda li rriżultat minn deċiżjonijiet meħuda mill-BEI fil-kuntest ta' riforma tal-iskema tal-pensjoni tal-persunal tiegħu.

*Id-digriet tal-4 ta' Frar 2011*

9 Kif jirriżulta mill-punti 15 u 16 tad-digriet tal-4 ta' Frar 2011, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, fid-dawl, minn naħa, tal-fatt li l-membri tal-persunal ikkonċernati ndunaw bil-kontenut tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom għax-xahar ta' Frar 2010 biss nhar it-Tnejn il-15 ta' Frar 2010 u, min-naħa l-oħra, tat-terminu estiż darba minħabba distanza ta' għaxart ijiem, l-imsemmija membri tal-persunal kellhom, sabiex jippreżentaw rikors, terminu li jiskadi nhar it-Tlieta l-25 ta' Mejju 2010.

10 Skont il-punt 17 tal-imsemmi digriet, ir-rikors tal-membri tal-persunal ikkonċernati wasal permezz ta' messaġġ elettroniku fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku biss matul il-lejl bejn it-Tlieta 25 u l-Erbgħa s-26 ta' Mejju 2010, iktar preċiżament fis-26 ta' Mejju f'nofsillejl.

11 B'dan ir-rikors, il-membri tal-persunal ikkonċernati talbu, minn naħa, l-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom għax-xahar ta' Frar 2010 u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-BEI għall-ħlas simboliku ta' euro, bħala kumpens għad-danni morali tagħhom.

12 B'att isseparat ippreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, il-BEI talab, skont l-Artikolu 78 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dan it-Tribunal, lil dan tal-aħħar jagħti deċiżjoni fuq l-inammissibbiltà tar-rikors, mingħajr ma jeżamina l-mertu tiegħu.

13 Bid-digriet tal-4 ta' Frar 2011, l-imsemmi Tribunal ċaħad ir-rikors bħala inammissibbli. Huwa ddeċieda, essenzjalment, li peress li t-terminu sabiex jiġi ppreżentat ir-rikors skada fil-25 ta' Mejju 2010, ir-rikors tal-membri tal-persunal ikkonċernati, li wasal bil-mezz elettroniku fir-Reġistru tal-imsemmi Tribunal fis-26 ta' Mejju ta' wara f'nofsillejl, kien tardiv u, għaldaqstant, inammissibbli. Huwa ċaħad l-argumenti tal-imsemmija membri tal-persunal ibbażati, minn naħa, fuq preġudizzju għad-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv u, min-naħa l-oħra, fuq l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.

*Is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012*

14 Bis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet l-appell ippreżentat mill-membri tal-persunal ikkonċernati, u kkonfermat b'dan il-mod id-digriet tal-4 ta' Frar 2011.

15 Fl-ewwel lok, fil-punti 22 sa 25 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Ġenerali fakkret, essenzjalment, il-ġurisprudenza li tipprovdi li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni li tistabbilixxi t-termini għall-preżentata tar-rikors applikabbli għat-tilwimiet bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu, il-preżentata ta' tali rikorsi għandha ssir f'"terminu raġonevoli". Filwaqt li qieset, fil-punt 26 tal-istess sentenza, li t-terminu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 91(3) tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tilwimiet bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-uffiċjali jew il-membri tal-persunal tagħhom joffri "punt ta' tqabbil rilevanti", sa fejn dawn it-tilwimiet huma simili fin-natura tagħhom għat-tilwimiet interni bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu rigward atti tal-BEI li jippreġudikawhom u li huma jitolbu l-annullament tagħhom, hija sostniet, fil-punt 27 ta' din is-sentenza, billi bbażat ruħha fuq xi wħud mis-sentenzi preċedenti tagħha, li terminu ta' tliet xhur għandu, "bħala regola ġenerali", jitqies li huwa raġonevoli.

16 Fl-istess punt 27 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea waslet għall-konklużjoni "*a contrario* [...] li r-rikorsi kollha ppreżentati minn membru tal-persunal tal-BEI wara l-iskadenza ta' terminu ta' tliet xhur, miżjud bit-terminu estiż darba minħabba distanza ta' għaxart ijiem, għandhom, bħala regola ġenerali, jitqiesu li ġew ippreżentati f'terminu li ma huwiex raġonevoli". Hija żiedet li tali interpretazzjoni *a contrario* hija ammissibbli "meta tkun biss applikazzjoni stretta tar-regoli tal-proċedura li jistabbilixxu terminu ta' dekadenza li tippermetti li tiġi sodisfatta l-ħtieġa ta' ċertezza legali u l-ħtieġa li tiġi evitata kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja".

17 Fit-tieni lok, fil-punt 30 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea eskludiet l-argumenti tal-membri tal-persunal ikkonċernati li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ssostitwixxa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' osservanza tat-terminu raġonevoli, min-natura tiegħu flessibbli u miftuħ għall-ibbilanċjar konkret tal-interessi kkonċernati, b'terminu speċifiku, ta' applikazzjoni stretta u ġeneralizzata, ta' tliet xhur. B'mod partikolari, hija qieset li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien sempliċement applika "regola tad-dritt [...] li hija bbażata biċ-ċar u preċiżament fuq qari *a contrario* tal-ġurisprudenza [tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċċitata fil-punt 27 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012]", regola li tapplika b'mod speċifiku l-prinċipju ta' osservanza tat-terminu

raġonevoli fit-tilwimiet bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu, li jixxiebhu ħafna mat-tilwimiet bejn l-Unjoni u l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tagħha. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea żiedet li, "l-imsemmija regola, li hija bbażata fuq preżunzjoni ġenerali li t-terminu ta' tliet xhur huwa, bħala regola ġenerali, suffiċjenti sabiex jippermetti lill-membri tal-persunal tal-BEI li jevalwaw il-legalità tal-atti ta' dan tal-aħħar li jippreġudikawhom u sabiex iħejju, fejn ikun il-każ, ir-rikorsi tagħhom ma tobbligax lill-qorti tal-Unjoni li għandha tapplikaha li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, li tibbilanċja konkretament l-interessi kkonċernati".

18 Fil-punti 33 sa 35 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea rreferiet għal dan ir-raġunament relatat mal-iffissar tat-terminu sabiex teskludi kemm it-teħid inkunsiderazzjoni tal-allegat seħħ ta' ħsara elettrika li wasslet sabiex l-att jintbagħat tard kif ukoll il-fatt li l-BEI naqas milli jeżerċita r-responsabbiltà regolatorja tiegħu marbuta mal-iffissar tat-termini speċifiċi għall-preżentata ta' rikors u ċirkustanzi oħra speċifiċi għall-każ inkwistjoni invokati mill-membri tal-persunal ikkonċernati.

19 Fil-punti 42 u 43 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea eskludiet ukoll l-argumenti tal-membri tal-persunal ikkonċernati bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

20 Fl-aħħar nett, l-imsemmija Qorti Ġenerali, fil-punti 51 sa 58 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, ċaħdet il-motiv tal-membri tal-persunal ikkonċernati bbażat fuq ir-rifjut tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li jikklassifika bħala każ fortuwitu jew forza maġġuri ċ-ċirkustanzi li wassluhom sabiex jippreżentaw tard ir-rikorsi tagħhom. Fil-punti 59 sa 66 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, ukoll, irrifjutat li tilqa' l-motiv tal-imsemmija membri tal-persunal ibbażat fuq żnaturament tal-provi dwar l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

21 Fuq proposta tal-ewwel Avukat Ġenerali li tiġi eżaminata mill-ġdid is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, l-awla speċjali prevista fl-Artikolu 123b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għad-data ta' din il-proposta, qieset, b'deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2012, Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI (C-334/12 RX), li kien hemm lok li jsir eżami mill-ġdid ta' din is-sentenza sabiex jiġi stabbilit jekk hija tippreġudikax l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

22 Fir-rigward tas-suġġett tal-eżami mill-ġdid, l-imsemmija deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2012 identifikat żewġ motivi iktar speċifiċi li jiġġustifikaw l-eżami mill-ġdid. Fl-ewwel lok, għandu jiġi stabbilit jekk, meta jitqies, kif għamel it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li, fl-evalwazzjoni tan-natura raġonevoli tat-terminu li fih ġie ppreżentat rikors għal annullament minn membri tal-persunal tal-BEI kontra att maħruġ mill-imsemmi bank li jippreġudikahom, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ speċifiku, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea adottatx interpretazzjoni koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li n-natura raġonevoli ta' terminu mhux stabbilit mid-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża.

23 Fit-tieni lok, għandu jiġi stabbilit jekk, meta ġie miżjud effett ta' dekadenza mal-iskadenza tat-terminu, mhux stabbilit mid-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni, għall-preżentata ta' rikors, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea hijiex tali li tippreġudika d-dritt għal rikors ġudizzjarju effettiv kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta.

24 Jekk ikun hemm lok li jiġi kkonstatat li s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012 hija vvizzjata bi żball ta' liġi, ikollu jiġi eżaminat jekk u, fejn xieraq, sa fejn l-imsemmija sentenza tippreġudika l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

**Fuq il-kwistjonijiet li huma s-suġġett tal-eżami mill-ġdid**

25 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li l-ebda test tad-dritt tal-Unjoni ma jistabbilixxi terminu li fih membru tal-persunal tal-BEI għandu jippreżenta rikors għal annullament kontra att maħruġ minn dan tal-aħħar li jippreġudikah.

26 Barra minn hekk għandu jiġi kkonstatat li, fis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, wara li fakkret, fil-punti 22 sa 25 ta' din is-sentenza, li l-kwistjoni dwar jekk rikors għal annullament sarx f"terminu raġonevoli" jinvolvi teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, iddikjarat bħala inammissibbli r-rikors tal-membri tal-persunal ikkonċernati minħabba t-tardività tiegħu mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ.

27 Billi ddeċidiet b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali tbiegħdet ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-kunċett ta' "terminu raġonevoli", li hija tirreferi għalih, madankollu, fil-punt 25 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012.

28 Fil-fatt, mill-imsemmija ġurisprudenza jirriżulta li, meta t-tul ta' żmien tal-proċedura ma huwiex stabbilit permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura "raġonevoli" taż-żmien meħud mill-istituzzjoni sabiex tadotta l-att inkwistjoni għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi kollha speċifiċi għal kull każ u, b'mod partikolari, l-importanza tat-tilwima għall-persuna kkonċernata, il-kumplessità tal-kawża u l-aġir tal-partijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 187).

29 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-punt 192 tal-imsemmija sentenza, li n-natura raġonevoli ta' terminu ma tistax tiġi stabbilita b'riferiment għal limitu massimu speċifiku, stabbilit b'mod astratt, iżda għandha tiġi evalwata f'kull każ speċifiku skont iċ-ċirkustanzi tal-kawża.

30 Dan l-obbligu tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni li josservaw, fil-proċeduri amministrattivi, terminu raġonevoli li ma jistax jiġi stabbilit b'riferiment għal limitu massimu speċifiku, iffissat b'mod astratt, ġie kkonfermat sussegwentement mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-30 ta' Novembru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-293/05, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-7 ta' April 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-321/09 P, punti 33 u 34).

31 Din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "terminu raġonevoli" ma hijiex, bil-kontra ta' dak li l-BEI u l-Kummissjoni Ewropea jsostnu fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, valida biss meta għandha tiġi stabbilita n-natura raġonevoli taż-żmien ta' proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja li ma għandhiex terminu imperattiv stabbilit permezz ta' regola tad-dritt tal-Unjoni.

32 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-approċċ segwit fil-ġurisprudenza msemmija fil-punti 28 sa 30 ta' din is-sentenza japplika wkoll għal kwistjoni li għandha effett dirett fuq l-ammissibbiltà tar-rikors, jiġifieri dik tat-terminu li fih il-persuna kkonċernata għandha titlob lill-istituzzjoni kkonċernata t-test sħiħ ta' att li ma ġiex ippubblikat u ma ġiex innotifikat lilha, sabiex ikollha għarfien eżatt tiegħu bl-iskop li titlob l-annullament tiegħu (ara d-digriet tal-10 ta' Novembru 2011, Agapiou Joséphidès vs Il-Kummissjoni u EACEA, C-626/10 P, punti 127, 128, 130 u 131). Fl-aħħar nett, fl-istess sens, il-Qorti tal-Ġustizzja tissuġġetta l-ammissibbiltà tat-talbiet għall-irkupru tal-ispejjeż sostnuti quddiem il-qorti tal-Unjoni għall-osservanza ta' żmien raġonevoli bejn il-mument li fih tingħata deċiżjoni għas-sentenza li tkun stabbilit it-tqassim ta' dawn u t-talba għal ħlas lura mill-parti l-oħra fit-tilwima (ara d-digriet tal-21 ta' Ġunju 1979, Diez vs Il-Kummissjoni, 126/76 DEP, Ġabra p. 2131, punt 1).

33 Minn dak li ntqal jirriżulta li minkejja li, huwa minnu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti 28 u 30 ta' din is-sentenza tirrigwarda l-kwistjoni tan-natura raġonevoli tat-tul ta' żmien ta' proċedura amministrattiva meta l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistabbilixxi

terminu speċifiku sabiex issir tali proċedura, għandu jiġi applikat il-kunċett ta' "terminu raġonevoli" bl-istess mod meta huwa jirrigwarda rikors jew talba li għalihom l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma pprevediet terminu li fih huma għandhom jiġu ppreżentati. Fiż-żewġ każijiet, il-qorti tal-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ.

34 Din l-interpretazzjoni, li tiżgura applikazzjoni koerenti tal-kunċett ta' "terminu raġonevoli" li l-qorti tal-Unjoni tuża f'sitwazzjonijiet differenti, ġiet adottata wkoll mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha qabel is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012.

35 B'dan il-mod, fid-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (T-157/09 P, EU:T:2010:403), li fir-rigward tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja ma qisitx li kien hemm lok li jsir eżami mill-ġdid (ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2010, Eżami mill-ġdid Marcuccio vs Il-Kummissjoni, C-478/10 RX), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fakkret, fil-punt 47 tal-imsemmi digriet, li, fin-nuqqas ta' terminu previst mil-leġiżlazzjoni applikabbli sabiex titressaq talba għal kumpens li tirriżulta mir-rabta ta' impjieg bejn uffiċjal u l-istituzzjoni li huwa jiddependi minnha, l-imsemmija talba kellha titressaq f'"terminu raġonevoli", stabbilit fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

36 Barra minn hekk, fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2001, Dunnett *et* vs BEI (T-192/99, Ġabra p. II-813), huwa biss fi tmiem eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ li, fil-punt 58 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonkludiet li, "[b']ispirazzjoni mit-termini previsti fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti [tal-uffiċjali], għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ppreżentaw ir-rikors tagħhom f'terminu raġonevoli" [(ara, f'dak li jikkonċerna t-tilwimiet bejn il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-membri tal-persunal tiegħu, id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2001, Cerafogli *et* vs BĊE, T-20/01, ĠabraSP p. I-A-235 u II-1075, punt 63)].

37 Bl-istess mod, fid-digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2002, D/BEI (T-275/02 R, ĠabraSP p. I-A-259 u II-1295), il-President tal-imsemmija qorti, wara li fakkar, fil-punt 33 ta' dan id-digriet, li terminu ta' tliet xhur kellu, bħala regola ġenerali, jitqies li huwa raġonevoli sabiex jiġi ppreżentat rikors għal annullament kontra deċiżjonijiet tal-BEI u kkonstata, fil-punt 38 tal-istess digriet, li r-rikors, fil-kawża inkwistjoni, kien ġie ppreżentat ħames snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ikkonkluda li r-rikors kien tardiv biss wara eżami li wasslu biex jikkonstata, fil-punt 39 tal-imsemmi digriet, li r-rikorrenti ma kienet qed tinvoka l-ebda ċirkustanza partikolari li tista' tiġġustifika l-fatt li jinqabeż dan it-terminu ta' tliet xhur u li tipprevali fuq ir-rekwiżit imperattiv ta' ċertezza legali.

38 Għandu jiġi ppreċiżat li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "terminu raġonevoli" adottata fil-punti 33 u 34 ta' din is-sentenza ma timplikax, bil-kontra ta' dak li jissuġġerixxi l-BEI fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li l-legalità tal-atti adottati minn din l-istituzzjoni tista' tiġi kkontestata indefinittivament, għaliex applikazzjoni ta' dan il-kunċett skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija intiża preċiżament li teskludi li l-qorti tal-Unjoni teżamina l-mertu ta' rikors ippreżentat f'terminu meqjus bħala mhux raġonevoli.

39 Bil-kontra ta' dak li jsostni l-BEI fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, l-interpretazzjoni adottata lanqas ma tista' tiġi kkontestata permezz tad-digriet tat-22 ta' Mejju 1990, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88, Ġabra p. I-2041), li fih il-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-Parlament Ewropew ma kellux dritt li jippreżenta rikors għal annullament skont l-Artikolu 173 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 173 KE, li huwa nnifsu sar, wara emenda, l-Artikolu 230 KE), ammettiet li din l-istituzzjoni tal-aħħar setgħet tippreżenta quddiemha tali rikors għal annullament. Fil-fatt, f'din il-kawża, it-terminu għal preżentata ta' rikors ta' xahrejn kif stabbilit permezz ta' dan l-artikolu kellu neċessarjament japplika bl-istess mod strett kemm għall-Parlament kif ukoll għall-istituzzjonijiet l-oħra msemmija fih. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, fejn l-Artikolu 41 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-BEI ma jistabbilixxix terminu għall-preżentata ta' rikors, iżda sempliċement isemmi l-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni sabiex tiddeċiedi fuq it-tilwimiet bejn il-BEI u l-membri tal-persunal tiegħu, din tal-aħħar sabet ruħha, minħabba s-silenzju tal-imsemmija regolamenti, obbligata li tapplika l-kunċett ta' terminu raġonevoli. Dan il-kunċett, li jitlob li jittieħdu

inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ speċifiku, ma jistax għaldaqstant jinftiehem li huwa terminu ta' dekadenza speċifika. Konsegwentement, it-terminu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 91(3) tar-Regolamenti tal-uffiċjali ma jistax japplika b'analoġija inkwantu terminu ta' dekandenza għall-membri tal-persunal tal-BEI meta huma jippreżentaw rikors għal annullament kontra att maħruġ minn dan tal-aħħar li jippreġudikahom.

40 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-kwistjoni dwar jekk, meta jingħata effett ta' dekadenza lill-fatt li jinqabeż it-terminu raġonevoli li għandhom il-membri tal-persunal ikkonċernati sabiex jippreżentaw ir-rikors tagħhom, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tippreġudikax id-dritt għal rimedju effettiv, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li llum huwa espress fl-Artikolu 47 tal-Karta (ara s-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, C-389/10 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 119 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dan ir-rigward, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha, iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, ikunu ġew miksura, għandha dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu. Skont it-tieni paragrafu tal-istess artikolu, kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi.

42 Skont l-ispjegazzjonijiet marbuta ma' dan l-artikolu, li, b'mod konformi mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u mal-Artikolu 52(7) tal-Karta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni ta' din tal-aħħar, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta huwa bbażat fuq l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u t-tieni paragrafu tal-istess Artikolu 47 jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

43 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li għandu jsir riferiment għalih skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, jirriżulta li d-dritt għal proċess ma huwiex assolut. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt huwa limitat, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikors. Jekk il-persuni kkonċernati għandhom jistennew li dawn ir-regoli jiġu applikati, l-applikazzjoni tagħhom ma għandhiex madankollu tipprekludi lill-individwi milli jeżerċitaw rimedju disponibbli (ara, f'dan is-sens, Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Anastasakis vs Il-Greċja, tas-6 ta' Diċembru 2011, Rikors Nru 41959/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-*Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet*, § 24).

44 F'dan il-każ, fejn it-terminu għall-preżentata ta' rikors tal-membri tal-persunal tal-BEI kontra l-atti li jikkawżawlhom danni ma ġiex stabbilit minn qabel permezz ta' regola tad-dritt tal-Unjoni u lanqas ma ġie llimitat skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, huwa paċifiku li l-membri tal-persunal ikkonċernati, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "terminu raġonevoli", kellhom raġun ikollha l-aspettattiva mhux li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tipprekludi terminu stabbilit minn qabel ta' dekadenza għar-rikors tagħhom, iżda li hija sempliċement tapplika din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar jekk huwiex ammissibbli.

45 Dan l-iżnaturament tal-kunċett ta' terminu raġonevoli qiegħed lill-membri tal-persunal ikkonċernati fl-impossibbiltà li jiddefendu d-drittijiet tagħhom relatati mar-remunerazzjoni permezz ta' rimedju ġudizzjarju effettiv, konformement mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 47 tal-Karta.

46 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "terminu raġonevoli" kif jirriżulta mill-ġurisprudenza li jsir riferiment għaliha fil-punti 28 sa 30 u 32 ta' din is-sentenza u, għaldaqstant, żnaturat l-essenza nfisha tal-kunċett ta' terminu raġonevoli meta qieset li, f'dan il-każ, kellha tiġi implementata "regola tad-dritt" li l-applikazzjoni stretta tagħha twassal għal soluzzjoni li tmur kontra dik li tirriżulta mill-ġurisprudenza tagħha.

**Fuq l-eżistenza ta' preġudizzju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni**

47 Meta qieset, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju 2012, li terminu għal preżentata ta' rikors mhux stabbilit mid-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni, bħal dak applikabbli fil-każ ta' rikors għal annullament ippreżentat minn membri tal-persunal tal-BEI kontra att maħruġ minn dan tal-aħħar li jippreġudikahom, huwa terminu ta' tliet xhur li l-iskadenza tiegħu timplika awtomatikament in-natura tardiva tar-rikors u, għaldaqstant, l-inammissibiltà tiegħu, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat interpretazzjoni li hija inkompatibbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li n-natura raġonevoli ta' tali terminu għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża.

48 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk u, fejn xieraq, sa fejn is-sentenza tippreġudika l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

49 F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-erba' aspetti li ġejjin:

50 Fl-ewwel lok, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012 tikkostitwixxi l-ewwel deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li permezz tagħha hija ċaħdet l-appell minn digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li jiċħad bħala inammissibbli, minħabba li huwa tardiv, rikors għal annullament ippreżentat wara l-iskadenza ta' terminu mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ partikolari. Għaldaqstant hija tista' tikkostitwixxi preċedent għal kawżi fil-ġejjieni (ara, b'mod analogu, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2009, Eżami mill-ġdid M vs EMEA, C-197/09 RX-II, Ġabra p. I-12033, punt 62).

51 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tbiegħdet, f'dak li jikkonċerna l-kunċett ta' "terminu raġonevoli", minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ġie osservat b'mod partikolari fil-punti 28 sa 30 u 32 ta' din is-sentenza (ara, b'mod analogu, is-sentenza Eżami mill-ġdid M vs EMEA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

52 Fit-tielet lok, l-iżbalji tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jikkonċernaw kunċett ta' proċedura li ma jaqax esklużivament taħt id-dritt tas-servizz pubbliku, iżda li huwa applikabbli indipendentement mill-qasam inkwistjoni (ara, b'mod analogu, is-sentenza Eżami mill-ġdid M vs EMEA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

53 Fir-raba' u l-aħħar lok, il-kunċett ta' "terminu raġonevoli" u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kisret għandhom post importanti fis-sistema ġuridika tal-Unjoni (ara, b'mod analogu, is-sentenza Eżami mill-ġdid M vs EMEA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65). B'mod partikolari, id-dritt għal rimedju effettiv mogħti permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta għandu, skont l-Artikolu 6 TUE, l-istess valur ġuridiku bħad-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

54 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, meħuda flimkien, għandu jiġi kkonstatat li s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012 tippreġudika l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni sa fejn il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, inkwantu qorti tal-appell, interpretat il-kunċett ta' "terminu raġonevoli" b'tali mod li r-rikors tal-membri tal-persunal ikkonċernati ġie miċħud bħala inammissibbli mingħajr ma ġew ikkunsidrati ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għadhom iridu jiġu stabbiliti l-konsegwenzi li għandhom jiġu dedotti mill-preġudizzju kkonstatat għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

56 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tippreġudika l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali li hija marbuta mill-punti ta' dritt deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja. Meta tibgħat lura l-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', barra minn hekk, tindika l-effetti tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li għandhom jiġu kkunsidrati

bħala definittivi fir-rigward tal-partijiet fil-kawża. Bħala eċċezzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija nfisha tiddeċiedi b'mod definittiv, jekk is-soluzzjoni tat-tilwima tirriżulta, fid-dawl tar-riżultat tal-eżami mill-ġdid, mill-konstatazzjonijiet ta' fatt li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

57 Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tillimita ruħha li tikkonstata l-preġudizzju għall-koerenza jew għall-unità tad-dritt tal-Unjoni mingħajr ma tasal għal konklużjonijiet minn din il-konstatazzjoni fir-rigward tal-kawża inkwistjoni. F'dan il-każ, hemm lok, għar-raġuni indikata fil-punt 54 ta' din is-sentenza, li tiġi annullata s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012.

58 Peress li l-preġudizzju għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta, f'dan il-każ, minn interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "terminu raġonevoli" u mill-ksur tal-prinċipju ta' dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, is-soluzzjoni definittiva tal-kwistjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors tal-membri tal-persunal ikkonċernati ma tirriżultax mill-konstatazzjonijiet ta' fatt li fuqhom hija bbażata s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012 u, konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiddeċiedi hija nfisha b'mod definittiv fuq it-tilwima skont it-tielet sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

59 Għaldaqstant, il-kawża għandha tintbgħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u mhux, kif sostnew il-membri tal-persunal ikkonċernati, quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, sabiex tiġi evalwata, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-kawża, in-natura raġonevoli tat-terminu li fih dawn tal-aħħar ippreżentaw ir-rikors tagħhom quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

**Fuq l-ispejjeż**

60 Skont l-Artikolu 195(6), tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li hija s-suġġett ta' eżami mill-ġdid tkun ingħatat skont l-Artikolu 256(2) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

61 Fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi dwar kif għandhom jitqassmu l-ispejjeż fil-kuntest ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid, għandu jiġi deċiż li l-persuni kkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-partijiet fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li jkunu ppreżentaw noti jew osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-kwistjonijiet li huma s-suġġett tal-eżami mill-ġdid għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati ma' din il-proċedura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla għall-Eżami mill-Ġdid) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Appelli) tad-19 ta' Ġunju 2012, Arango Jaramillo *et* vs BEI (T-234/11 P), tippreġudika l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni sa fejn l-imsemmija Qorti Ġenerali, inkwantu qorti tal-appell, interpretat il-kunċett ta' "terminu raġonevoli", fil-kuntest ta' preżentata ta' rikors għal annullament mill-membri tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) kontra att maħruġ minn dan tal-aħħar li jippreġudikahom, bħala terminu ta' tliet xhur li l-iskadenza tiegħu timplika awtomatikament in-natura tardiva tar-rikors u, għaldaqstant, l-inammissibiltà tiegħu, mingħajr ma l-qorti tal-Unjoni tkun obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni.**

2) **L-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea hija annullata.**

3) **Il-kawża għandha tintbgħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**

**4) Oscar Orlando Arango Jaramillo u l-34 membru ieħor tal-persunal tal-BEI, li l-ismijiet tagħhom huma mniżżla fil-bidu ta' din is-sentenza, kif ukoll il-BEI, ir-Repubblika Portugiża u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura ta' eżami mill-ġdid.**

Firem